# MILL-QALB TA' L-ARTIJIET

*Ta'* Patri Val. V. Barbara, O.P.

I. — *L-EWROPA tersaq bil-mod, b'harsa ta' niket f'għajnejha, b'ward* **aħmar** *f'idejha.*

Is-sliem għalik, Marija!
Fittixt ward abjad kullimkien, Madonna:
Staqsejt, u dħalt fil-ġonna
Sbieħ ta' l-Ewropa, u fuq ix-xtut mort nigri
Tas-Senna u tad-Danubju,
Tat-Tevri u tat-Tamiġi,
Nistaqsi u nfittex ward ifuħ bajdani;
'Ma ħadd widen ma tani,
Għax f'kull pajjiż ta' din l-Ewropa xiħa
Jikber biss ward ħamrani
Li fwieħtu qisha r-riħa
Tad-demm imxerred minn ġol-qlub taż-żgħażagħ,
Vittmi tal-għira, tal-mibegħda u l-herra
Li magħha ġġib il-gwerra.
U jiena,
Kontra x-xejriet ta' mħabbti, kelli naqta'
Minn dan il-ward tad-demm!
Kemm xtaqtu kien bajdani, o Marija!
'Ma xorta noffrihulek,
F'riġlejk inqegħidulek,
Biex floku tagħti s-sliema lill-Ewropa
Li kemm-il darba hasset
Fuq artha
Ir-rifs ta' riġlejk safja.
Ismagħni, Omm, bil-ħniena int mimlija.
Is-sliem għalik, Marija!

II. — *L-AWSTRALJA tersaq ferħana u fuq ruħha, b'ward* **abjad** *f'idejha.*

Is-Sliem għalik, Marija!
Sibthulek jien, Madonna, il-ward bajdani
Fl-għelieqi Awstraljani;
Dħalt qalb ix-xgħir u l-qamħ ta' dik l-art żgħira
Li ġġib il-għira

Lill-artijiet bil-bosta akbar minnha,
U qtajt, u qtajt u qtajt
Ward abjad daqskemm stajt.
Dammejtu f'ħodon u bil-ferħ rassejtu
Ma' qalbi u bistu,
Imbagħ'd libbistu
Bir-riħa ħelwa li fix-xahar ta' Mejju
Tfewwaħ il-plejju;
U ġibtu lilek, Omm ta' l-isbaħ għaxqa.
Fuqu stampawlek bewsa t'għożża kbira
Il-koala u l-kangaroo;
Qaluli ngħidlek illi anki huma
Kienu jħobbu 'l Ġesù
Kieku kellhom id-deh'n li għandu l-bniedem,
Li bih, jaħasra,
Qiegħed jinqeda biex għatxan ifittex
Għodda ġdida ta' niket, qirda u mewt.
O, ilqa' dan il-ward, ja Omm ħanina,
U floku 'tina
Il-paċi hekk mixtieqa, is-sliem tal-ġenna
Li bih kulħadd jithenna.
Isma' dat-talb, ja Omm b'kull ħajr mimlija.
Is-sliem għalik, Marija!

III. — *L-AMERIKA tersaq solenni, b'ward ta'* **kull lewn** *f'idejha.*

Is-sliem għalik, Marija!
Il-ward tiegħi, Madonna,
Ġibthulek imżewwaq bl-ilwien kollha li stajt insib
F'dik l-art kbira u għanja
Li tifrex tulha minn pol għal ieħor taż-żewġ emisferi.
Inżilt mill-Yukon għall-Mississippi,
Mill-Amazon għall-Paranà,
U dejjem bi sbuħitek quddiem għajnejja,
Fittixt li naqtagħlek il-ward
Ta' l-ilwien kollha li tħobb inti.
Ġbartlek l-abjad minn ġos-silġ dejjem ileqq ta 'l-Alaska,
L-isfar minn qalb il-qamħ dehbieni tal-għelieqi bla tarf tal-Kanada,
L-iżraq mix-xtajtiet daħkana, imsaħħa bil-bewsa xemxija tal-tal-Kalifornja, tal-Hawaj, tal-Bahama u ta' Kuba,

Sibtlek l-isbaħ werqat ħadrana minn qalb il-kaktus kburi tal-
Messiku,
Għażilt l-ogħna ward aħmar demmi li jikber taħt is-siġra tax-
tax-xemx qalila fil-Venezuela u fil-Kolombja,
Slitt il-blanzuni kannella mill-oqsma tal-kafè tal-Brażil u
tal-Perù,
Raxxejt fuq kollox il-fwieħa ta' l-aktar ħxejjex rari ta'
l-Arġentina,
U mbagħad irbatt il-ward kollu
Bi ħjut ta' l-azzar
Li jinsab fil-minieri ta' l-Istati Magħqudin.
U hawn f'riġlejk, Marija,
Qalb dan it-tiżwiq kollu,
Qalb dawn il-fjuri ta' kull sura u għamla,
Qegħidtlek l-isbaħ warda:
Il-qalb Amerikana.
Hi qalb imfawra bl-ogħla ħsus ta' mħabba
Li jdewbu fi griżmejja l-isbaħ kliem.
Għalhekk ma ngħidlekx iżjed,
Biżżejjed hekk għalija.
Is-sliem għalik, Marija!

IV. — *L-ASJA tersaq ixxengel rasha 'l quddiem u b'ħafna ġesti b'idejha bħall-għorrief, b'ward* **isfar** *f'idejha.*

Is-sliem għalik, Marija!
Mil-Lvant kull ma hu għani
Ġibthulek hawn, Madonna;
Mhux deħ'b u lanqas fidda,
'Ma l-frott sabiħ tal-ġonna.
U l-isbaħ frotta fosthom,
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
Kien hemm ukoll l-ibiskus
Tal-Ġappun umli u twajjeb,
U l-werqa tal-banjana
Li fl-Indja qatt titgħajjeb.
Ried jiġi wkoll il-lotus
Għażiż tal-Filippini,
U mill-Għarabja t-tamla
U l-ħxejjex l-aktar fini.

Il-gżejjer tal-Paċifku
Ried jiġu għar-rkobbtejhom
Sabiex juruk li inti
Il-mimmi ta' għajnejhom.
'Ma ġibtlek biss miċ-Ċina
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
Oh! xtaqt ukoll li ġibtlek
Il-perli minn kull plajja,
U l-bjuda mingħajr nikta
Tas-silġ ta' l-Imalajja.
L-avorju ridt inġiblek
Mis-snien ta' l-iljunfanti,
Il-ġilda tal-pantera,
U r-rix tal-għasfur gganti.
'Ma ġibtlek biss, Madonna,
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
U waqt li noffrihielek
Bl-eqdes wirjiet ta' qima,
Ilqa' mill-qalb ta' l-Asja,
Madonna, dit-tislima:
Wara Alla, int l-isbaħ dija:
Is-sliem għalik, Marija.

V. — *L-AFFRIKA tersaq umli, imma bi tbissima ta' tifla safja, ward* **abjad** *f'idejha suwed.*
Is-sliem għalik, Marija!

*Tinżel għarrkobbtejha, tbus riġlejn il-Madonna, tqum, bil-mod ħafna tqiegħed il-ħannieqa tal-ward madwar għonq Marija, tbus lil Ġesù Tarbija fuq sidru, terġa' tinżel għarkobbtejha b'ex tbus riġlejn Marija, imbagħad torbot idejha, terfa' għajnejha u dirgħajha lejn il-Madonna, u tgħid:*
Madonna, inħobbok!

*Xejn iżjed, umli wisq biex titkellem. Tqum, u tbaxxi rasha lejn Marija:*
Is-sliem għalik, Marija!

*Toħroġ bil-mod. L-erbgħa l-oħra jibqgħu jħarsu lejha bil-għaġeb.*